Minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 fis-2.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu ma laħaqx lesta l-Minuti tal-laqgħa preċedenti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

| | |
|---|---|
| Memo 73/2010 | Mistoqsija Parlamentari 17059 |
| Memo 74/2010 | Tqassim ta' dokumenti lill-Membri tal-Kumitati Amministrattivi |
| Memo 75/2010 | AL 119 tat-2002 – Regolamenti tal-2002 dwar Attivitajiet li jeħtiegu Permess mill-Kunsilli Lokali |
| Memo 76/2010 | Mistoqsija Parlamentari 17175 |
| Memo 77/2010 | Proċedura Dwar Mistoqsijiet Parlamentari |
| Memo 78/2010 | Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013 immirata għall-Kunsilli Lokali |
| Memo 79/2010 | Mistoqsija Parlamentari 17861 |
| Memo 80/2010 | Website www.lc.gov.mt |
| Memo 81/2010 | Mistoqsija Parlamentari 18368/9 |
| Memo 82/2010 | Mistoqsija Parlamentari 17865 |
| Memo 83/2010 | Mistoqsija Parlamentari 17864 |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Memo 84/2010 Mistoqsija Parlamentari 17863
Memo 85/2010 Mistoqsija Parlamentari 18799

**3.2 Ilmenti / Suġġerimenti**

a. Is-Sinjura Maria Buttiġieġ li toqgħod f'132 Triq tal-Għajn, Fontana, qalet li kien hemm grada miftuħa quddiem id-dar tagħha u kienet ħierġa riħa ta' drenaġġ minnha. Hi qalet li s-soltu din kienet tingħalaq, pero' din is-sena u s-sena l-oħra ma ngħalqetx. Is-Sindku qal li din kienet ġiet maqlugħha mill-ħaddiema tal-Public Works u ġiet mgħafġa mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill. Is-Sindku qal li din trid titranġa jew inkella tinxtara waħda.
b. Is-Sur Pawlu Zammit li joqgħod fi Triq is-Sajjieda qal li għandu wire ta' telephone ta' xi persuna oħra mwaħħal mal-ħajt tiegħu u qiegħed jitlob biex dan jitneħħa. Il-Kunsill għandu jgħaddi dan l-ilment lil kumpanija GO plc.
c. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva lment anonimu. Il-membri tal-Kunsill qablu li llmenti anonimi ma jiġux aċċettati mill-Kunsill.

**3.3 Korrispondenza Prinċipali**

a. Is-Sur Aldo Cutajar, uffiċċjal tad-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern, bgħatilna *draft* tal-kuntratt tad-Devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kera ta' dan il-fond hi ta €350 fis-sena. Barra minhekk hu ppropona li l-kuntratt ikun twil 15-il sena u mhux 3 snin kif propost, minħabba l-fatt li l-Kunsill ser jagħmel investiment qawwi. Il-membri tal-Kunsill qablu. Għalhekk ser ssir talba biex il-kuntratt jiġi emendat.
b. Nhar it-13 ta' Lulju 2010, l-Onor Dr. Chris Said jixtieq jiltaqa mall-membri tal-Kunsill fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn jiġu diskussi problemi li jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli, kif ukoll sabiex iżur tlett proġetti li wettaq il-Kunsill. Sar qbil li dawn it-tlett proġetti għandhom ikunu: Ir-Restawr tal-Għajn ta' Bendu, l-installazzjoni tal-Pannelli Fotovoltajiċi fuq l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku, u l-passaġġ rustiku ta' Triq Wied Siekel.
c. Ġejna nfurmati mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li bejn l-1 u 3 t'Ottubru 2010 il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex ser jorganizza Festival tal-Logħob tan-Nar. Is-Sindku spjega lill-membri tal-Kunsill li konna bgħatna *email* lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali sabiex nitolbuhom spjegazzjoni għalfejn il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex kien tħalla jorganizza dan il-Festival fl-istess ġurnata li fiha l-Kunsill Lokali tal-Fontana kien ser jorganizza Festival simili. Hu kompla billi qal li l-Kunsill Lokali tal-Fontana ma kienx tħalla jorganizza dan il-Festival fid-19 ta' Settembru għax kienet ser tiġi organizzata attivita' mill-Kunsill Lokali tal-Qala u fis-26 ta' Settembru ngħatajna parir biex ma ssirx peress li hemm in-Notte Bianca f'Malta. Ir-risposta li rċieva l-Kunsill kienet li l-Festival organizzat mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex ma kienx ser jiġi ffinanzjat mill-istess skema li għaliha kien ingħata l-fondi l-Kunsill. Is-Sindku ppropona li din l-festival jiġi


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

pospost għas-26 ta' Marzu 2011, fl-okkażżjoni tal-għeluq tal-100 sena tal-parroċċa. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-fondi li kien ingħata l-Kunsill jiġu posposti għal din id-data.

d. Ġejna mitluba nibgħatu artiklu qasir bl-Ingliż fuq il-lokalita' tal-Fontana sabiex jidher fuq *magazine* li jiġi ppubblikat mill-Air Malta. Is-Sindku qal li hu talab lil Fr Bezzina sabiex jikteb dan l-artiklu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar suġġeriment li ġie milqugħ u ntbagħat fotografu biex jieħu ritratti waqt il-festa biex jidhru f'din il-pubblikazzjoni.
e. Ġejna nfurmati li l-applikazzjoni taħt Memo 12/2010 li l-Kunsill kien bgħat sabiex jingħata xi siġar endemiċi Maltin għat-Triq tax-Xlendi ġiet temporanjament imwaqqfa.
f. Irċivejna email mingħand l-avukata tal-Kunsill Dr Angele Formosa rigward il-kawża ta' Pawla Cassar kontra l-Kunsill. Hi talbet lill-Kunsill sabiex jinfurmha kif jixtieq jipproċedi f'din il-kawża. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iddeċieda li jieħu l-parir tal-Perit tal-Qorti Valerio Schembri u ssir *road hump* aktar il-fuq. L-Aukata ser tiġi infurmata b'dan.
g. B'referenza għall-email li konna bgħatna lill-OS3 ġejna infurmati li sabiex inżidu l-ispazzju fuq il-website tal-Kunsill irridu nħallsu €525 flok €385 fis-sena. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li jitneħħew xi ritratti qodma sabiex inżidu l-ispazzju. Wara diskussjoni ġie maqbul li s-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai jkellmu lill-OS3 sabiex jagħżlu dawk ir-ritratti li għandhom jitneħħew minn fuq il-website.
h. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li hu kien talab parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt tal-Patching li kien ingħata lil Gatt Tarmac. Is-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur fl-istess Dipartiment, informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt ma jistax jiġi mġedded. Is-Sindku qal li għandna nieħdu parir rigward jekk il-Kunsill għandux jieħu l-garanzija bankarja jew le. Hu kien tal-opinjoni li jekk il-liġi tippermetti din ma għandiex tittieħed minħabba l-fatt li kien l-uniku tenderer li tefgħu l-offerta, minkejja li l-imsemmija offerta nġabret minn kumpanija oħra. Il-membri kollha tal-Kunsill qablu peress li l-kuntrattur Benny Gatt kien indispost meta kien ser isir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Victor Cefai ikkonferma li s-Sur Gatt kien marid. Il-membri tal-Kunsill qablu li jittieħed parir jekk hemmx obbligu li tinqabad il-garanzija. Jekk dan hu l-każ, dan għandu jsir.

Il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa fl-4.00pm.

i. Transport Malta tawna l-permess biex inneħħu r-Reserved Parking Bay tas-Sinjura Maria Antonia Sultana fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. F'ittra separata Transport Malta talbu lil Chantelle Marie Bugeja tibgħatilhom diversi dokumenti relatati mar-Reserved Parking Bay li għandha fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sindku qal li waħda mill-kriterji sabiex tkun eliġibli għal *Reserved Parking Bay* hi li jkun hemm persuna li għanda


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

liċenzja tas-sewqan valida li toqgħod fl-istess residenza. Skond l-aħħar Reġistru Elettorali ir-raġel tagħha s-Sur Victor Bugeja ma kienx għadu joqgħod fl-istess residenza, fil-fatt, hu mar joqgħod ir-Rabat, Għawdex. Għaldaqstant, peress li fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili hemm problema kbira ta' *parking*, is-Sindku qal li mhux ġust li jingħatalha l-permess għar-*Reserved Parking Bay*, dan meta għal Charlie Cordina, persuna b'diżabilita ma nagħtax permess peress li min applika għar-*Reserved Parking Bay* f'ismu kien reġistrat fuq lokalita oħra. Kundizzjoni oħra ta Transport Malta hi li biex tingħata permess trid tkun jew fuq *wheelchair* jew fis-sodda, li mhux il-każ ta Chantelle Marie Bugeja.

j. Il-MEPA bgħatulna l-permess biex isiru x-xogħolijiet fi Pjazza l-Għejjun, dwar l-Għajn tal-Loġoġ.

k. Il-laqgħa tas-Sindki ser tiġi organizzata fl-24 u 25 ta' Settembru 2010 fil-lukanda Calypso. Il-ħlas li kien sar għal-laqgħa ta' nhar il-14 u 15 ta' Mejju 2010 li kienet ġiet posposta ser jibqa jgħodd u għaldaqstant m'hemmx bżonn isiru pagamenti għal din il-laqgħa.

l. Cirkulari sabiex ma jingħatax xogħol lil SR tal-Ħandaq.

m. B'risposta għall-ittra li ntbagħtet lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi rigward ix-xogħolijiet fuq il-Belvedere ta' Mulejja, l-Perit Portelli ppropona lill-Kunsill li wara li jitlesta x-xogħol fuq il-Belevedere mill-Kuntrattur, ix-xogħolijiet jiġu spezzjonati kemm mill-Perit innifsu kif ukoll mis-Sindku. Il-membri tal-Kunsill qablu. Wara diskussjoni sar qbil li l-permess li joħroġ il-Kunsill meta ssir l-applikazzjoni mill-kuntrattur għandu jiskadi fil-15 ta' Lulju 2010 bil-kundizzjonijiet kif maqbula f'laqgħat preċedenti. Jekk dan ix-xogħol ma jitwettaqx sa din id-data s-Sindku ppropona li jittieħdu l-passi skont il-liġi. Il-Kunsill qabel, dan peress li x-xogħol ilu mibdi minn Frar u l-mandat ġie deċiż fis-26 ta' Frar.

## 4. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma dawn il-Minuti ġew approvati mill-Kunsill.

## 5. MATERJI OĦRA

5.1 Is-Sindku nforma l-Kunsill li kif maqbul f'laqgħa preċedenti ntbagħtet ittra lis-Sur George Sacco, sid l-post li l-Kunsill juża bħala uffiċċju tiegħu. Dwar il-kuntratt li l-Kunsill kellu mas-Sur George Sacco ntalab il-parir tal-Avukat Angele Formosa li nfurmat lis-Sindku li jekk dan hu skadut ma għadux validu. Hu kompla billi qal li s-Sur Sacco ġie l-uffiċċju tal-Kunsill u talab lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv li jingħata l-kera ta' tlett xhur sabiex ikollu ċans isib lil min jikri l-post. Wara li saret diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu li nippruvaw immorru fl-uffiċċju l-ġdid sal-aħħar ta' Lulju. 2010.

5.2 Is-Sindku qal ukoll li konna ingħatajna €12,000 fondi taħt Memo 27/2010 sabiex isir l-embellishment ta' Trejqa ta' Wara d-Djar, f'tarf Triq Għain Tuta. Il-Kunsill ingħata €6,000 issa u ser jingħata €6,000 oħra wara li jippreżenta l-irċevuti relatati ma' dan il-proġett. Is-Sindku qal li rridu nkellmu lil Enemalta sabiex dik it-trinka li għanda bżonn issir, issir fis-Sajf



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

ħalli mbagħad x'ħin jibda x-xogħol ta' *embellishment*, ix-xogħol jkompli għaddej. Għandna żmien sal-aħħar tas-sena sabiex jitlesta' dan il-proġett. Is-Sindku ppropona li għanda tintbagħat ittra lill-kuntrattur Tarcisio Xerri biex tinfurmah li x-xogħol jibda lejn l-aħħar nofs ta' Ottubru biex it-temp ikun addattat għal dan it-tip ta' xogħol.

5.3 Ġie iffirmat il-kuntratt tal-Pannelli Fotovoltajiċi, kif ukoll tal-Fanali Dekorattivi għal Triq l-Isptar San Ġiljan.

5.4 Is-Sindku qal li nhar is-6 ta' Ġunju 2010 deher artiklu fuq il-gazzetta Illum fejn kien irrapportat li fill-passaġġ ta' Wied Siekel kien nieżel xi żejt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'Marzu 2010 kien bgħat ittra lill-Pulizija, Gwardjani Lokali, u lid-Dipartiment tas-Sanita' sabiex jinfurmhom, pero' hu qal li sa dakinhar kien għadu ma rċieva xejn. Il-membri tal-Kunsill qablu li għanda terġa tintbgħat ittra oħra, kif ukoll lic-Chariman tal-MEPA.

5.5 Is-Sindku ppropona li terġa tinħareġ l-offerta għall-*Patching bil-Hot Asphalt.* Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.6 Il-Kunsillier Horace Micallef irrimarka li hemm mera fi Triq l-Isptar San Ġiljan, hekk kif tinżel minn Triq is-Sajjieda, li ma għadiex tajba għax ma tarax min hu ġej. Is-Sindku ppropona li niktbu lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi biex jibdilha.

5.7 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li kien mitlub mis-Sur Ġanni Cordina jekk hux possibli li jinżabħu żewġ sinjali sofor maġenb il-*garage* tiegħu fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sindku qal li hemm permess għat-triq kollha biex isiru sinjali fil-ġenb tal-garaxxijiet.

5.8 Il-Kunsillier Victor Cefai qal li fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili tkissru xi mirja tal-karozzi. Is-Sindku ppropona li ngħaddu dan l-ilment lill-Pulizija biex jagħmlu patrol.

5.9 Is-Sindku ppropona li tinħareġ offerta sabiex jitwaqqa' fond 191 fi Triq il-Għajn, biex jinbena parti ohra miċ-Ċentru Ċiviku. Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.10 Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa fit-30 ta' Lulju f'nofsinhar ma' rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tal-Munxar rigward l-attivita sportiva li ser tiġi organizzata ġewwa l-Bajja tax-Xlendi.

5.11 Is-Sindku ppropona li għanda tinħareġ *quotation* għal bini tal-Għajn tal-Loġoġ u restawr tal-ħajt li baqa minn dik ta' qabel. Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.12 Is-Sindku qal li għalkemm konna nfurmajna lil tal-GreenMT li l-*Bring In Sites* kienu mimlijin, xorta waħda dawn tħallew mimlijin għal ġimgħa sħiħa.

5.13 Is-Sindku qal li biex issir laqgħa qabel il-5.30pm trid titressaq mozzjoni u jrid ikun hemm qbil unanimu.

5.14 Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li fejn l-Għejjun hemm *bollard* u mera neqsin. Is-Sindku qal li dawn ġew maqlugħa minn ħaddiema tal-Fontana Cottage Industry fuq l-ordni ta' Annabelle li tieħu ħsieb il-Fontana Cottage Industry mingħajr ebda permess sabiex il-*coaches* tat-turisti jkunu jistgħu jduru peress li Triq ix-Xlendi hi magħluqa. Is-Sindku qal li hi qaltlu li ġabrithom. Huwa qalilha biex terġa tagħmilhom


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

fejn kienu. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li għandna niktbulha ittra fejn ninfurmawhom sabiex terġa' twaħħalhom. Wara diskussjoni sar maqbul li l-Kunsill għandu jagħtiha żmien ġimgħa sabiex twaħħalhom, u jekk ma jkunux f'posthom għandna ninfurmaw lil Pulizija. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li l-ħadid ta' mal-bankina maqtugħ ukoll.

5.15 Il-Kunsillier Horace Micallef qal ukoll li l-bollard ta' Wied Siekel nieqsa wkoll. Is-Sindku nnota li dan l-aħħar hi ma kienetx f'postha u hu nnota li f-għalqa aktar l-isfel kien qed isir xi xogħol.

5.16 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li nieżel ħafna ilma mill-Għejjun waqt li l-kuntrattur li qiegħed jibni t-Triq tax-Xlendi jkun qiegħed iħammel. Is-Sindku ppropona li jekk ikun hemm bżonn ma noqogħdux nistennew il-laqgħa biex il-Kunsill iqabbad lil xi ħadd biex iħammel u jsib it-telf. Il-membri tal-Kunsill qablu li jekk ikun hemm bżonn jittieħdu passi m'hemmx għalfejn noqogħdu nistennew il-laqgħa.

5.17 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li matul il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' ġewwa l-Fontana, il-Kunsill kien talab lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi sabiex iħalli aċċess għar-residenti mill-Knisja l-isfel mit-Triq tax-Xlendi. Dan l-aċċess tħalli mit-Triq tax-Xlendi u ntbagħat gwardjan lokali bejn il-5.00pm u 12.00am nhar il-Ġimgħa, Sibt u Ħadd tal-Festa.

5.18 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li:

a. Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex fi ħdan l-MCESD. Din saret ma Dr. Gordon Cordina, fejn ġew diskussi affarijiet li jistgħu jidħlu fil-*Budget* li ġej.
b. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai attendew għal-laqgħa ta' talb organizzat mill-parroċċa bħala thejjija għal-festa Titulari.
c. Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal-laqgħa ta' nformazzjoni għal-Kunsilli Lokali dwar "Tagħlim tul il-Ħajja" fis-Sala tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-Kunsill ser jorganizza kors għall-adulti fil-Malti u l-Ingliż.
d. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għaċ-ċerimonja tat-tqassim ta' fondi lill-Kunsilli Lokali żgħar li saret fil-*playing field* tal-Munxar. Is-Sindku ġie ippreżentat €12,000 għal-xogħol f'tarf Triq Għajn Tuta sa Wied il-Lunzjata mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said.
e. Saret Festa Tfal flimkien mal-parroċċa fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari. Attendew is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.
f. Tlesta r-restawr tal-Għajn ta' Bendu.
g. Ġie iffirmat il-kuntratt mal-kumpanija Solar Solutions dwar is-sistema ta' enerġija alternattiva għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
h. Ġiet ippubblikata ħarġa oħra tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Din ġiet mqassma f'kull residenza tal-Fontana. Dan ġie ppreparat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.
i. Fl-okkażżjoni tal-festa titulari sar bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu.
j. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef attendew għall-pontifikal fl-okkażżjoni tal-festa Titulari. Wara sar it-


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

tqassim tal-ikla tal-35 anzjan li jgħixu waħedhom. Dan sar bħas-soltu fl-okkażżjoni tal-festa.

k. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għat-tqassim ta' fondi speċjali li sar fix-Xlendi mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said. Is-Sindku qal lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill ingħata €15,000 fondi taħt Memo 15/2010. Il-Kunsill ingħata €7,500 issa u ser jingħata €7,500 oħra meta jippreżenta l-irċevuti relatati mal-ġbir tal-iskart.

l. Dwar il-ħarġa għal Sqallija, is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li sar kuntatt bit-telefon u emails mal-kumpanija tal-Virtu Ferries u dawn infurmaw li jekk jinġabru 24 persuna, il-kunsill jingħata biljett b'xejn, minbarra l-ħlas tat-taxxa, kif ukoll *discount* ta' 10% fuq kull passiġġier. Il-membri tal-Kunsill qablu li jagħmlu użu minn dan id-*discount* għall-membri tal-Kunsill li ser jattendu bħala *helpers* mat-*tour*. Din il-ħarġa ser tkun Gastronomic Tour fejn ser inżuru Modica u Ragusa u l-prezz hu ta' €134 bl-ikla ta' nofsinhar inkluża. Il-prezz tat-tfal hu ta' €114. Il-Kunsill qabel li jagħmel il-prezz ta' €140 għall-adulti u €120 għat-tfal taħt it-12 il-sena, biex ikopru parti mill-ħlas tat-transport f'Malta u f'Għawdex,. Din il-ħarġa ser issir nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2010.

m. Tkompla jitwettaq xogħol ta' manutenzjoni u tindif mill-ħaddiema tal-Kunsill u dak tal-Iskema tal-Komunita. Fl-okkażżoni tal-Festa Titulari taw ukoll l-għajnuna tagħhom is-sezzjoni tal-indafa pubblika tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00pm. Laqgħa oħra issir nhar it Ħamis 29 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt